# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 16 ta' Lulju 2001**

**Numru**

**Avviz. numru 1409/99mm**

**Maltacom plc**

**vs**

**Mario u Maria Lourdes konjugi Mangion**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ippresentat mis-socjeta' attrici fit-30 ta' Settembru 1999 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuti li jhallsu lis-socjeta' attrici (li b'att tal-Parlament qieghdha tissostitwixxi dik li qabel kienet maghrufa bhala l-Korporazzjoni Telemalta) is-somma ta' hames mija u hamsin lira Maltin u hames centezmi (Lm550.05c), liema ammont huwa dovut lis-socjeta' attrici in konnessjoni man-numru tat-telephone 461390 (skond kif jirrizulta mill-anness dokument A) liema servizz gie nstallat mill-Korporazzjoni Telemalta gol-fond 15, Mdina Road,

Siggiewi, skond ma kif jirrizulta mis-‘service agreement’ hawn anness dokument B.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, tal-ittra ufficjali datata 13 ta’ Lulju 1999, tat-taxxa fuq il-valur mizjud nkonnessjoni mad-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet legali dekorribli mid-data tal-ittra ufficjali kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Maria Lourdes Mangion fejn eccepiet:

Illi l-ammont mitlub fl-avviz mhuwiex dovut minnha u dana peress illi b’kuntratt ta’ separazzjoni bejn il-konvenuti datat 29 ta’ Ottubru, 1999 fl-atti tan-Nutar Dr Nicholas Vella, l-konvenut Mario Mangion assuma d-dejn kollu li kien f’ismu fil-jum tal-pubblikazzjoin tal-kuntratt inkluz l-ammont dovut lis-socjeta’ attrici.

Rat is-sentenza taghha ta’ l-20 ta’ Marzu,2001 fil-konfront tal-konvenut Mario Mangion wara li dan baqa’ kontumaci.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:-

Illi f’din il-kawza hawn makanza ta’ provi lampanti. Is-socjeta’ attrici esibit biss is-*service agreement* u d-dikjarazzjoni tal-

ammont dovut minghajr ma tat spjegazzjoni ta' kif u meta saru t-telefonati li taghhom qieghdha tirreklama l-hlas. Li tipprezenta certifikat ta' cifra ta' hlas minghajr spjegazzjoni mhuwiex prospett u l-Qorti ma jidhirlhiex li ghandha taccetta dan id-dokument bhala prova illi jista b'xi mod jaqleb il-bilanc favur parti jew ohra. Apparti s-sentenza moghtija fil-konfront ta' Mario Mangion, il-konvenuta esibiet kuntratt ta' separazzjoni bejnha u bejn il-konvenut Mario Mangion fejn gie allegat li dana Mario Mangion assuma d-debiti tal-komunjoni ta' l-akkwisti.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti jidhrilha illi dan il-kuntratt m'ghandhux jaffettwa d-drittijiet ta' terzi bhal ma hija s-socjeta' attrici meta qed titlob il-hlas ta' somma meta kien a karigu tal-komunjoni ta' l-akkwisti. Din il-Qorti spjegat din is-sitwazzjoni sew fil-kawza fl-ismijiet Anthony Mangion vs Mario Fenech u Margaret Fenech deciza kif preseduta fit-12 ta' Marzu,2001, pero' jibqa' l-fatt illi s-socjeta' attrici ma rnexxielix tipprova illi l-ammont minnha reklamat jappartjeni lill-komunjoni ta' l-akkwisti gia ezistenti bejn il-partijiet. Kif gia nghad id-Dokument B a fol 2 tal-process ma jispjega assolutament xejn u l-Qorti ma tistax toqghod fuqu biex tasal ghal xi konkluzzjonijiet favur is-socjeta' attrici. Ma hemmx dubbju illi f'dan il-kaz is-socjeta' attrici ma lahqitx dak il-grad ta' prova necessarju ghas-success ta' l-istanza attrici. Din il-Qorti m'ghandhiex dak il-konvinciment morali bazat fuq il-preponderanza tal-provi illi s-socjeta' attrici ghandha ragun u dana l-ghaliex ma giex pruvat illi l-ammont minnha reklamat kien b'xi mod jappartjeni lill-komunjoni ta' l-akkwisti gia ezistenti bejn

il-partijiet. Ghalhekk il-Qorti ma ghandhiex aktar xi tghid hlief li tiddisponi minn din il-kawza billi,

Taqta' u tiddeciedi,

Tichad it-talba tas-socjeta' attrici fil-konfront biss tal-konvenuta Maria Lourdes Mangion. Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici ghal dak li jirrigwarda l-konvenuta Maria Lourdes Mangion.

Anthony Zammit
Dep Reg